# Il-Vanġelu jixxandar fil-Familja

***(mill-ittra ta' Mons Isqof Mario Grech lill-familji fl-okkażjoni tal-Missjoni Djoċesana)***



- *Minn Ruma, Akwila u Prixxilla marru joqogħdu fil-Belt ta' Korintu fejn laqgħu lil Pawlu u qagħad għandhom. Hija barka kbira għal familja li jkollha żjara ta' xi ħadd mibgħut minn Kristu biex ixandrilha l-Bxara t-Tajba*

- Din l-istess barka ser tmiss lill-familji tagħna meta matul ix-xahar ta' Jannar grupp ta' madwar 400 persuna ffurmati ser iwasslu t-tħabbira tal-Kelma t'Alla għand il-familji tad-Djoċesi tagħna.

- *…bit-tama li l-istess familja tilqa' din il-grazzja u hija stess tibda tħabbar il-Kelma fi ħdanha stess billi taqra silta mill-Bibbja kuljum*

- jalla l-frott ta' din il-missjoni jkun dak li l-familji tagħna jsiru iktar midħla tal-Kelma t'Alla, jirriflettu u jitolbu permezz tagħha.

- *Kif il-poplu Lhudi, meta kien fi triqtu lejn l-art imwegħda, kien iwaqqaf it-tinda biex fiha jinżel Alla u jgħammar magħhom, kull familja għandha tipprova tagħmel mid-dar tagħha dik "it-tinda" fejn Alla jinżel u joqgħod għandha*

- hienja dik il-familja li fil-kwiet u l-ġabra tad-dar tinġabar fit-talb ta' kuljum.

*Kan Brian Mejlak, Kappillan Parroċċa Kerċem*

## *Jistgħu jinteressawk*

Il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru: Laqgħa Djoċesana ta' Formazzjoni (Ta' Pinu 7.00p.m.)

gozopress • 21551534

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu, int l-imħabba li ġejt fostna u ħabbejtna għall-aħħar. Agħmel li ma' nibdlu ma' xejn l-imħabba tagħna lejk.




It-30 Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2065) • 26 ta' Ottubru 2008

Il-Fariżej, meta semgħu kif lis-Sadduċej kien saddilhom ħalqhom, nġabru madwaru, u wieħed minnhom, għaref fil-Liġi, għamillu din il-mistoqsija biex iġarrbu: "Mgħallem, liema hu l-kmandament il-kbir, fil-Liġi?" Qallu Ġesù: "Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'moħħok kollu.' Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed. U it-tieni jixbhu: 'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.' Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti."

**RIFLESSJONI :**

- Ġesu' jurina li l-Liġi kollha tinġabar fil-kelma « Mħabba »
- Alla li huwa mħabba jrid jimla l-ħajjitna kollha kemm hi u għalhekk ma' nistgħux inħalli spazju għal allat oħra.
- Ma nistax ngħid li jien ta' Alla u nħobb lil Alla billi kultant niftakar fiH jew immur il-knisja, imma trid tkun mixja u sforz ta' kuljum.
- Fil-proxxmu tagħna hemm ir-rifless ta' Alla (xbieha tiegħu). Għalhekk ma' nistax inħobb lil Alla bla ma' jkolli qalb mimlija mħabba għall-proxxmu.




# Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek